MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2008

Numru 976/2008/1

L-Avukat Dottor John Ludovic **GAUĊI** fil-kwalita' tiegħu ta' mandatarju speċjali ta' *Costruzioni Dondi S.p.A.,* soċjeta' estera reġistrata fl-Italja fir-Reġistru tal-Intrapriżi f'Rovigo bin-numru 00103480299

**vs**

**ID-DIRETTUR TAL-KUNTRATTI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-30 ta' Ġunju, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti *nomine* talab li din il-Qorti żżomm lill-intimat milli "jagħti u/jew jiffirma l-kuntratt , in segwitu tas-sejħa għall-offerti bin-numru CT 165/2007 *Malta South Sewage Treatment Plant*, lil Degremont S.A./CCC – CMR (France), hekk kif propost u/jew rakkomandat mill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti fis-sessjoni tad-19 ta' Ġunju, 2008, liema proposta u/jew

rakkomandazzjoni ġiet approvata mid-Direttur tal-Kuntratti" kif jidher mill-kopja tal-avviż mehmuż;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2008, li bih laqgħet it-talba provviżorjament, ordnat in-notifika lill-intimat, u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tal-4 ta' Lulju, 2008 fil-11 ta' filgħodu;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fit-3 ta' Lulju, 2008, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, oppona għat-talba tal-kumpannija rikorrenti;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Lulju, 2008, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-kumpannija rikorrenti qiegħda titlob li l-intimat jinżamm milli jiffirma kuntratt dwar impjant għat-trattament ta' drenaġġ fin-naħa tan-nofsinhar ta' Malta, skond kif ipproponielu li jsir il-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti waqt smigħ miżmum fid-19 ta' Ġunju, 2008. L-intimat approva dik il-proposta. Il-kumpannija rikorrenti tgħid li dik l-approvazzjoni u l-ħsieb tal-intimat li jgħaddi biex jiffirma kuntratt ma' kumpannija konkorrenti oħra, bl-isem ta' Degremont S.A./CCC – CMR (France), qegħdin isiru bi ksur tar-Regolamenti għaliex, minħabba li nbidlu b'mod sostanzjali l-kundizzjonijiet oriġinali tas-sejħa għall-offerti, ir-raġunijiet mogħtija għall-esklużjoni tagħha mill-proċess ma baqgħux iżjed fis-seħħ, u għaliex il-proċedura li wettaq l-intimat tikser id-dispożizzjonijiet infushom tar-Regolamenti u dan billi naqas li jqis l-ilmenti tagħha wara li taha pariri ħżiena dwar kif setgħet tikkontesta l-għażla magħmula. Il-kumpannija rikorrenti ssemmi (a) li l-kuntratt li se' jingħata lil terzi tnaqqas biex ma jaqbiżx is-somma

ivvotata fis-sejħa oriġinali (jiġifieri, sebgħa u ħamsin miljun ewro), minkejja li dawk it-terzi kienu ikkwotaw prezz li jaqbeż bil-bosta dik is-somma, (b) li l-kapaċita' tal-impjant se' tiċkien, u allura m'għadux il-każ li hija titħalla 'l barra milli twettqu, u (ċ) l-intimat mexa b'qerq dwar il-parti tal-kuntratt li se' jkollha titwettaq b'sub-appalt, u dan (d) minbarra l-fatt li s-subappaltatur li fi ħsiebha tinqeda bih il-kumpannija li hija maħsuba li tingħata l-kuntratt, kien l-istess subappaltatur iddikjarat li kien fi ħsiebha tinqeda bih il-kumpannija rikorrenti li kieku ngħatat il-kuntratt hi;

Illi l-intimat jisħaq li kulma sar kien sewwa u mingħajr ksur tar-regolamenti fis-seħħ. Jiċħad li hu qatt ta xi parir ħażin lill-kumpannija rikorrenti dwar kif messha tressaq l-ilmenti tagħha u, fuq kollox, jinsisti li d-dewmien fit-twettiq tal-proċess jista' jkollu konsegwenzi koroh għal Malta minħabba li tista' titlef il-fondi mwarrba għall-proġett mill-Unjoni Ewropeja u minħabba li Malta diġa' waqgħet lura mit-twettiq tal-pjan dwar it-trattament ta' ilma mormi mill-ibliet skond id-Direttiva applikabbli, kif intrabtet li tagħmel. Minbarra dan, isemmi wkoll li ż-żamma ta' dan il-proġett tista' tolqot b'mod qawwi l-mixi 'l quddiem ta' proġett kbir ieħor f'Rikasoli (*Smart City*);

Illi mill-fatti li ħarġu mill-atti, jirriżulta li fl-2007, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, permezz tad-Dipartiment tal-Kuntratti, ħarġet sejħa għall-offerti (CT 165/2007) għall-bini ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ maħsub li jinbena fix-Xgħajra ta' Ħaż-Żabbar. Ħames kumpanniji daħħlu l-offerta tagħhom, fosthom il-kumpannija rikorrenti;

Illi s-sejħa għall-offerti nħarġet taħt is-saħħa tar-Regolamenti tal-2005 dwar il-Kuntratti Pubbliċi[1], bil-proċedura magħrufa bħala Offerti Magħmula f'Pakketti Separati[2]. L-imsemmija Regolamenti jadottaw (*transpose*) fil-liġi Maltija d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 18 tal-2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Ko-Ordinazzjoni ta' Proċeduri għall-Għoti ta' kuntratti ta'

[1] A.L. 177 tal-2005
[2] Reg. 82 tal-A.L. 177 tal-2005

Xogħlijiet Pubbliċi, kuntratti ta’ Provvista Pubblika u kuntratti ta’ Servizzi Pubbliċi[3];

Illi fis-27 ta’ Marzu, 2008, il-Kumitat tal-Kuntratti irrakkomanda li l-prezzijiet ta’ żewġ konkorrenti oħra jsiru magħrufa pubblikament, filwaqt li qatagħha li l-kumpannija rikorrenti (u żewġ konkorrenti oħrajn) ma kinitx tikkwalifika iżjed għall-għażla. Il-Kumitat għarraf b’dan lill-kumpannija rikorrenti b’ittra tat-28 ta’ Marzu u taha r-raġunijiet għaliex kien qiegħed iqis li jwarrabha mill-proċess tal-għażla[4]. Il-kumpannija rikorrenti ressqet oġġezzjoni (jiġifieri, talba għal rikonsiderazzjoni) fl-4 ta’ April, 2008[5], iżda billi ma hemżitx magħha d-depożitu kif mitlub mir-regolamenti, d-Dipartiment ma qiesx aktar it-talba tagħha

Illi l-għan ta’ talba għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista’ tkun ta’ ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[6];

Illi bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta’ Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t’għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta’ Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[7]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t’għajn jew, għall-finijiet ta’ dan il-Mandat, ma jeżistix;

Illi, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta’ mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m’huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-

[3] OJ L134 30.4.2004
[4] Dok “CD5”, f’paġ. 36 tal-atti
[5] Dok “CD8”, f’paġġ. 41 – 3 tal-atti
[6] Art. 873(1) tal-Kap 12
[7] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre’*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta’ dan il-Mandat għandha jew tintlaqa’ jew tiġi miċħuda[8];

Illi minn dan joħroġ li l-Mandat ta’ Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta’ provediment legali[9]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista’ jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b’mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni tintlaqa’, ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta’ Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża’ r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi l-ħtieġa għall-ħruġ ta’ Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma’ l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista’ jitneħħa, mqar b’deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[10], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi, b’żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f’każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita’ pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[11] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma’ l-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

---

[8] Art. 875(3) tal-Kap 12

[9] Ara, per eżempju, P.A. NC **11.3.2003** fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni fl-ismijiet ***IWT Group Malta Ltd vs Direttur Ġenerali tal-Kuntratti et***

[10] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta’ Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***

[11] Art. 873(3) tal-Kap 12

Illi, f'dan ir-rigward, il-liġi llum (b'seħħ minn Ottubru tal-2006), m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil, iżda dan għandu jitqies mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat;

Illi l-liġi tħares il-"jedd" *prima facie*, bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta'[12], disaġju jew tħassib;

Illi f'dan il-każ jirriżulta b'mod ċar li l-intimat huwa fi ħsiebu jgħaddi għal ftehim mal-kumpannija msemmija fir-rikors u li m'hijiex il-kumpannija rikorrenti. Dan għalhekk jissoddisfa l-ewwel element tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi dwar jekk kemm-il darba l-kumpannija rikorrenti seħħilhiex turi xi jedd mad-daqqa t'għajn, inqalgħu għadd ta' kontestazzjonijiet waqt is-smigħ tar-rikors. Il-kumpannija rikorrenti ssemmi li f'xi waqt wara li kienet ittieħdet id-deċiżjoni li hija ma kinitx intgħażlet, inbidlu xi speċifikazzjonijiet tas-sejħa li hija tqis li kienu sostanzjali. Minbarra dan, bil-bdil imsemmi, l-istess kumpannija rikorrenti kienet tkun eliġibbli biex, jekk għallanqas ma tintgħażilx, setgħet tikkonkorri. Hija tgħid li ndidel kemm il-prezz tal-kuntratt (tniżżel biex jaqa' fil-parametri tas-somma msemmija fis-sejħa għall-offerti), u kif ukoll billi nbidlet is-sura teknika tal-impjant.  L-intimat jiċħad li dan il-bdil kien wieħed sinjifikanti jew rilevanti għall-kundizzjonijiet oriġinali tas-sejħa. Jirriżulta li din il-bidla kienet fil-partijiet fakultativi ("*options*") tas-sejħa għall-offerti, iżda kien hemm bidliet tekniċi oħrajn u ngħatat konferma wkoll tat-tnaqqis tal-prezz mitlub mill-kumpannija magħżula biex iqarrab lill-prezz tal-proġett indikat fis-sejħa għall-offerti[13]. Fil-fehma tal-Qorti (u

---

[12] Kumm. **26.5.1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)

[13] Xhieda ta' Mark Muscat 4.7.2008, f'paġġ 103 – 5 u 112 – 4 tal-atti

mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kwestjoni), dawn il-bidliet jagħtu lok, mad-daqqa t'għajn, għal raġuni tajba ta' lment lir-rikorrenti u jsejsu fiha l-jedd maħsub mil-liġi;

Illi dwar il-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat sabiex l-għamil li l-kumpannija rikorrenti trid iżżomm lill-intimat milli jwettaq, il-Qorti ssib iżda li dan l-element ma jirriżultax. Fl-ewwel lok, il-liġi tagħti lill-kumpannija rikorrenti rimedji oħrajn ordinarji xierqa biex, jekk jidhrilha, tattakka l-għamil tal-intimat jekk kemm-il darba jirriżulta l-għażla tal-offerent jew il-proċess innifsu kienu jew huma kontra l-liġi. Fit-tieni lok, il-ħsara li l-kumpannija rikorrenti tista' ġġarrab bl-għamil tal-intimat hija waħda ta' dannu li jista' jissarraf ukoll f'kumpens fi flus f'każ li l-għamil jirriżulta tassew li sar bi ksur tal-liġi;

Illi, mill-aspett tal-proporzjonalita', jidher li meta wieħed iqabbel il-preġudizzju li tista' ġġarrab il-kumpannija rikorrenti bl-għamil tal-intimat ma' dak li jseħħ kieku t-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat kellha tintlaqa', l-ħsara li ġġarrab il-kumpannija rikorrenti jkun wisq anqas minn dik li tiġri li kieku l-proġett tal-bini tal-impjant tat-tisfija jew trattament tad-drenaġġ jinżamm milli jsir. F'dan il-każ, il-ħsara titbata mill-komunita' fuq skala nazzjonali. Għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li dan l-element essenzjali tal-artikolu 873(3) tal-Kap 12 ma jmilx favur il-kumpannija rikorrenti;

Illi fl-aħħarnett jidher li l-kumpannija rikorrenti ma tippretendix li l-proċess tal-għażla tal-kuntrattur ma jitkompliex[14], imma li jekk jitkompla, għandu jerġa' jinkludi lill-istess kumpannija rikorrenti fost dawk li jistgħu jintgħażlu. Issa, minbarra l-kwestjoni dwar jekk il-kumpannija rikorrenti naqsitx li twettaq kif jitolbu r-regolamenti dak li kien mistenni minn konkorrent li jixtieq jikkontesta l-għażla, il-Qorti ssib li l-kumpannija rikorrenti ma tistax tinqeda bil-proċedura tal-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni biex tilħaq dan il-għan. Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħil (*arm twisting*) lill-parti intimta li, jew tagħmel dak li

[14] Argument imfisser mill-għaref difensur tar-rikorrenti, Dr. Adrian Delia, waqt it-trattazzjoni tal-għeluq

tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hija tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din;

Illi minbarra dan ir-relazzjoni li teżisti bejn konkorrent u dak li jagħmel sejħa għal offerti ma tagħtix lok għal *specific performance*, iżda għal rimedji oħrajn[15]. Wara kollox, il-Mandat ta' inibizzjoni ma jistax ħlief jirrigwarda obbligazzjoni *di non fare*[16];

Għalhekk il-Qorti tasal għall-fehma li f'dan il-każ ma jikkonkorrux l-elementi kollha meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat** billi ma jirriżultawx l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu, bl-ispejjeż kontra l-kumpannija rikorrenti; u

**Tħassar *contrario imperio*** d-degriet tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2008, safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provviżorju;

Mogħti kameralment illum, 18 ta' Lulju, 2008.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[15] Ara Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[16] P.A. **23.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Żerafa vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.983)**